II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 269/2011

## tal-21 ta' Marzu 2011

## li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1284/2009 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi fir-rigward tar-Repubblika tal-Ginea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/169/PESK ta' il-21 ta' Marzu 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2010/638/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Ginea [1], adottata skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1284/2009 [2] li jimponi ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tar-Repubblika tal-Ginea, f'konformità mal-Pożizzjoni Komuni 2009/788/PESK [3] (li aktar tard ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni 2010/638/PESK [4], b'reazzjoni għar-repressjoni vjolenti mill-forzi tas-sigurtà fuq dimostranti politiċi f'Conakry fit-28 ta' Settembru 2009.

(2) Fil-21 ta' Marzu 2011, permezz tad-Deċiżjoni 2011/169/PESK, il-Kunsill iddeċieda li l-miżuri restrittivi imposti fir-rigward tar-Repubblika tal-Ginea għandhom jiġu emendati fid-dawl tas-sitwazzjoni politika u tar-Rapport tal-Kummissjoni Internazzjonali ta' Inkjesta li ngħatat is-setgħa li tistabbilixxi l-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-avvenimenti tat-28 ta' Settembru 2009 fil-Ginea.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 1284/2009, kif emendat minn dan ir-Regolament, jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali. Ir-Regolament (UE) Nru 1284/2009 għandu jiġi applikat f'konformità ma' dawk id-drittijiet u l-prinċipji.

(4) Is-setgħa biex tiġi emendata l-lista fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 1284/2009 għandha tiġi eżerċitata mill-Kunsill, fid-dawl tas-sitwazzjoni politika fir-Repubblika tal-Ginea, u sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-proċess għall-emenda u r-reviżjoni tal-Anness għad-Deċiżjoni 2010/638/PESK.

(5) Il-proċedura għall-emenda tal-lista fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 1284/2009 għandha tinkludi l-għoti tar-raġunijiet għall-elenkar lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi indikati, sabiex jingħataw l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet. Fejn jitressqu osservazzjonijiet, jew jiġu ppreżentati provi sostanzjali ġodda, il-Kunsill għandu jeżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu fid-dawl ta' dawk l-osservazzjonijiet u jinforma lill-persuna, l-entità jew il-korp ikkonċernati kif adatt.

(6) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, huwa għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu.

(7) Ir-Regolament (UE) Nru 1284/2009 għandu jiġi emendat kif adatt,

[1] Ara paġna 59 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[2] ĠU L 346, 23.12.2009, p. 26.
[3] Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2009/788/PESK tas-27 ta' Ottubru 2009 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Ginea (ĠU L 281, 28.10.2009, p. 7).
[4] Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/638/PESK tal-25 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Ginea (ĠU L 280, 26.10.2010, p. 10).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) Nru 1284/2009 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 6(3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Anness II għandu jikkonsisti mill-persuni identifikati mill-Kummissjoni ta' Inkjesta Internazzjonali bħala responsabbli għall-avvenimenti tat-28 ta' Settembru 2009 fir-Repubblika tal-Ginea, u mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi assoċjati magħhom, kif indikat mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/638/PESK tal-25 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Ginea (*).

(*) ĠU L 280, 26.10.2010, p. 10."

(2) L-Artikolu 15 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 15*

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li temenda l-Anness III abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri.".

(3) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 15a*

1. Fejn il-Kunsill jiddeċiedi li jissoġġetta persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp għall-miżuri msemmija fl-Artikoli 6(1), huwa għandu jemenda l-Anness II kif adatt.

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmija fil-paragrafu 1, jew direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, u b'hekk tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp jingħataw l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet.

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew jiġu ppreżentati provi sostanzjali ġodda, il-Kunsill għandu jeżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp kif adatt.

4. Il-lista fl-Anness II għandha tiġi riveduta f'intervalli regolari u minn tal-inqas kull 12-il xahar."

(4) L-Anness II huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
C. ASHTON

*ANNESS*

*"ANNESS II*

**Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 6(3)**

| | Isem (u psewdonomi possibbli) | Informazzjoni għall-identifikazzjoni (data u post tat-twelid (d.t.t. u p.t.t.), numru tal-passaport (Pass.)/karta tal-identità, eċċ.) | Raġunijiet |
|---|---|---|---|
| 1. | Kaptan Moussa Dadis CAMARA | d.t.t: 01.01.64 jew 29.12.68<br>Pass: R0001318 | Persuna identifikata mill-Kummissjoni Internazzjonali ta' Inkjesta bħala responsabbli għall-avvenimenti tat-28 ta' Settembru 2009 fil-Ginea |
| 2. | Kmandant Moussa Tiégboro CAMARA | d.t.t: 01.01.68<br>Pass: 7190 | Persuna identifikata mill-Kummissjoni Internazzjonali ta' Inkjesta bħala responsabbli għall-avvenimenti tat-28 ta' Settembru 2009 fil-Ginea |
| 3. | Kurunell Dr. Abdoulaye Chérif DIABY | d.t.t: 26.02.57<br>Pass: 13683 | Persuna identifikata mill-Kummissjoni Internazzjonali ta' Inkjesta bħala responsabbli għall-avvenimenti tat-28 ta' Settembru 2009 fil-Ginea |
| 4. | Logutenent Aboubacar Chérif (psewdonomu Toumba) DIAKITÉ | | Persuna identifikata mill-Kummissjoni Internazzjonali ta' Inkjesta bħala responsabbli għall-avvenimenti tat-28 ta' Settembru 2009 fil-Ginea |
| 5. | Logutenent Jean-Claude PIVI (psewdonomu Coplan) | d.t.t: 01.01.60 | Persuna identifikata mill-Kummissjoni Internazzjonali ta' Inkjesta bħala responsabbli għall-avvenimenti tat-28 ta' Settembru 2009 fil-Ginea" |